**16 ta' Novembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Oliver Siracusa *noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Proprjetà – Enfitewsi – Liġi Interpretazzjoni – Dritt Kweżit**

*Ir-rikorrent allega li l-Att XXXVII ta' l-1986 kien jilledi d-dritt tiegħu ta' proprjetà kif protett mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni u mill-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-Att XXXVII ta' l-1986 kien emenda l-Ordinanza dwar id-dekontroll fis-sens li s-sub-emfitewta ġie mqiegħed, għall-iskop tal-liġi, fil-posizzjoni ta' l-emfitewsta. L-att in kwistjoni kien wieħed li jinterpreta l-liġi u bl-ebda mod ma kien iwassal għall-esproprju ta' xi dritt ta' proprjetà kif kien qiegħed jallega r-rikorrent. Il-fatt li r-rikorrent ma kellux sentenza favurih li tordna l-iżgumbrament ta' terz mill-fond proprjetà tiegħu juri li dan ma kellux l-ebda dritt – kweżit.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Oliver Siracusa *nomine* li bih wara li ppremetta espona riverentement:

1. Illi l-mandanti tiegħu huma l-enfitewti perpetwi tal-fond *"Simplicity", Sisters Street, Paola;*

2. Illi fil-25 ta' April 1979, l-imsemmija konjugi Conti akkwistaw is-subutili dominju temporanju ta' l-istess fond għaż-żmien li kien fadal minn sbatax-il sena mit-30 ta' Awissu 1969;

3. Illi din is-subenfitewsi favur il-konjugi Conti spiċċat fit-30 ta' Awissu 1986;

4. Illi skond *Housing (Decontrol) Ordinance* 1959 l-esponent *noe*, malli tispiċċa is-subenfitewsi korrenti kellu d-dritt jieħu lura l-proprjetà tiegħu (ara App. Ċiv. Inf. "Caruana *vs* Cassar" 10-12-85, u P.A. "Vassallo *vs* Barbara" 28-4-86);

5. Illi, bis-saħħa ta' l-Att Numru 37 ta' l-1986, mgħoddi mill-Parlament fis-27 ta' Ottubru 1986, ċjoè **wara** li l-esponent kien akkwista d-dritt li jieħu f'idejh il-proprjetà tiegħu, il-liġi ġiet emendata b'mod li dan id-dritt fuq proprjetà ġie meħud mingħand l-esponent;

6. Illi dan l-Att jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali ta' protezzjoni minn privazzjoni ta' Proprjetà bla kumpens, protett mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, in kwantu d-dritt fuq il-proprjetà ġie meħud lill-esponent bis-saħħa ta' liġi li ma tipprovdix għall-ħlas ta' kumpens xieraq; li ma tiżgurax dritt ta' aċċess għall-Qorti jew Tribunal li jiddeċiedu d-dritt ta'

l-esponent u l-ammont tal-kumpens li ma tiżgurax id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell minn din id-deċiżjoni;

7. Illi dan l-Att jikkostitwixxi wkoll ksur ta' l-Ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Talab għalhekk l-esponent *noe* bir-rispett li din l-Onor. Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq l-imsemmi artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom li tiddikjara l-imsemmi Att Numru 37 ta' l-1986 null u bla ebda effett;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta fejn wara li espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament ir-rikors huwa null (a) għax ma' l-istess rikors ma ġietx esebita l-prokura tar-Rikorrenti għaf-favur ta' Oliver Siracusa u (b) ma ġietx segwita l-proċedura ndikata fl-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li għandhom, u għalhekk l-azzjoni odjerna hija intempestiva u l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħa fiha vestita;

3. Illi fil-mertu l-ebda esproprjazzjoni ma saret u la l-

artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma ġew għalhekk miksura. Jiġi rrilevat li kull ma sar bl-Att XXXVII ta' l-1986 kien regolamentazzjoni u kjarifika, jekk kien hemm bżonn ulterjuri ta' l-Istitut ta' l-enfitewsi kif effettwat bil-Liġi tad-Dekontroll. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri deċiża fl-10 ta' Diċembru 1985 fl-ismijiet "Mary Caruana *vs* Anthony Cassar" jingħad testwalment li: "Is-Subartikolu (1) ta' l-artikolu 10B, jiddisponi li d-disposizzjonijiet segwenti ta' l-artikolu 10B **għandhom ikollhom effett dwar il-kuntratti ta' enfitewsi temporanji"**. Inoltre dil-linja toħroġ ċara f'każijiet simili li kien hemm quddiem il-Qorti Ewropeja. *(Vide Judg. Court, 23 September 82, case of Sporrong Lonnroth SS 62 – 63 Publ. Cout A Vol. 52 pp. 24 – 25; Dec. Adm. Com. Ap. 7059/79, 16 July 1976 D & R 6 p. 131 (133 – 134);*

4. Illi f'kull każ it-talbiet tar-rikorrenti huma bla bażi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat ukoll ir-risposta ta' Joseph u Rita konjugi Conti fejn esponew bir-rispett:

1. Illi preliminarjament ir-rikors huwa null (a) għax mar-rikors imsemmi ma ġietx esebita l-prokura tar-rikorrenti a favur ta' Oliver Siracusa u (b) ma ġietx segwita l-proċedura indikata fl-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li għandhom, u għalhekk l-azzjoni odjerna hija intempestiva u l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħa fiha vestita;

3. Illi fil-mertu, ma saret ebda esproprjazzjoni, iżda kull ma sar bl-Att 37 ta' l-1986 kien spjegazzjoni tal-mod kif għandu jiġi interpretat l-artikolu 10B ta' l-Att XXIII ta' l-1979;

4. Illi fiż-żewġ sentenzi ċċitati fir-rikors, il-fatti huma għal kollox differenti mill-każ odjern, kif jiġi spjegat aħjar fl-andament tal-kawża;

5. Illi jekk kif qed jikkontendu l-konjugi Conti ma nkisru l-ebda drittijiet fundamentali sanċiti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, *multo magis,* ma nkisrix l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li l-portata ta' l-artikolu 1, hija aktar limitata mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

6. Illi f'kull każ it-talbiet tar-rikorrenti huma bla bażi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Jannar 1988 li biha ddeċidiet il-kawża billi magħdud dana kollu għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet kollha ta' l-imsemmi rikorrenti *nomine* kif minnu dedotti. Dwar il-kap ta' l-ispejjeż, tenut kont ta' dak illi ġie ddeliberat fir-rigward tar-risposta ta' l-intimat fejn preliminarjament ressqu eċċezzjonijiet ta' natura legali li ġew miċħudin, kif ukoll tenut kont tan-novità tal-mertu deċiż u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti tiddeċidi li l-istess spejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej u ċjoè;

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tiddelibera dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet proċedurali ssollevati mill-intimat Onorevoli Prim

Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta kif ukoll mill-intimati l-oħra konjugi Conti;

L-ewwel risposta ta' l-intimati hija f'forma ta' eċċezzjoni ta' natura legali illi tattakka l-validità tar-rikors promotur u dan għal żewġ raġunijiet speċifikati, jiġifieri:

1. *Għax ma' l-istess rikors ma ġietx esebita l-prokura tar-rikorrenti a favur ta'* Oliver Siracusa; u

2. Ma ġietx segwita l-proċedura ndikata fl-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni;

L-ewwelnett għandu jingħad li fis-seduta tat-2 ta' Novembru 1987 permezz ta' nota *ad hoc*, ir-rikorrenti *nomine* esebixxa prokura mmarkata Dok. A (a fol. 11 tal-proċess) li tikkonferma l-mandat tiegħu. Għalhekk, il-posizzjoni in diżamina hija mhux jekk *illum ir-rikorrenti nomine* għandux mandat li jippromuovi r-rikors f'isem il-proprjetarji assenti Connie Zammit, Ronald J. Zammit, Marie Antoinette Ryska, Helen R. Perez u Victor A. Zammit imma jekk kienx hemm il-ħtieġa legali *ad valididatem*, illi tali prokura kien messha ġiet prodotta u esebita **flimkien** mar-rikors;

L-intimati ċċitaw l-art. 789(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata jekk l-atti ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament. Skond l-intimati, il-mezz immedjat ta' l-azzjoni huwa billi jiġi esebit il-mandat *ab initio* u dan billi jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha biex b'hekk l-intimati jkunu jafu min qed jipproċedi kontrihom. Ir-rikorrenti *nomine* m'għandux ikollu d-dritt li

jissana tali nuqqas billi jippreżenta fi stadju ulterjuri l-prova tal-mandat tiegħu. Tali proċedura mhix ammissibbli, sostnew l-intimati, billi tkun tammonta għal nuqqas essenzjali fir-rikors promotur. L-intimati mbagħad għamlu wkoll aċċenn għall-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn hemm imniżżel min jista' jaġixxi għal rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għat-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi jiġifieri:

1. Kull persuna li tallega l-ksur ta' tali disposizzjonijiet jew

2. Kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar *ad istanza* ta' xi persuna li hekk tallega. Skond l-intimati dan l-artikolu jeskludi teħid ta' proċedura permezz ta' prokura. F'dan il-każ għalhekk, skond l-intimati, ir-rikorrent kellu jipproċedi b'rikors *ad hoc* biex jaġixxi f'isem ħaddieħor. Skond l-intimati hija fakoltà tal-Qorti tiddeċidi taċċettax individwu jonkella le biex jaġixxi f'isem ħaddieħor u din ir-regola hija waħda tassativa u ma ġietx miktuba bla skop imma biex il-Qorti tkun tista' tara l-idonjetà o meno tal-mandatarju. Kull possibilità oħra hija eskluża;

Ir-rikorrenti *nomine*, permezz ukoll tad-difensur tiegħu, għamel riferenza għall-art. 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi bla ħsara ta' kull disposizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. L-aċċettazzjoni tal-mandatarju, tgħid ukoll il-liġi (ara art. 1858) tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt. Apparti mill-produzzjoni tal-prokura l-kuntratt tal-mandat seħħ billi hemm l-unjoni tal-volontà tal-partijiet *ad rationem*. Barra minn hekk, tali produzzjoni tal-prokura wara preżentata ta' l-att promotur ma kienet tirreka ebda preġudizzju lill-parti l-oħra u ma kienet tinvolvi ebda nullità ddikjarata mill-

artikolu 1857(2);

Il-Qorti tikkondividi pjenament ir-raġonamenti sottomessi mid-difensur tar-rikorrenti *nomine* f'dan ir-rigward;

Fir-rigward ta' l-interpretazzjoni korretta tal-preċitat artikolu tal-kostituzzjoni, il-Qorti taqbel ukoll ma' dak illi ġie premess mir-rikorrenti *nomine* li eżami tad-disposizzjonijiet varji artikoli li jżejnu l-kostituzzjoni tagħha huwa formulati b'mod illi fir-rigward ta' proċeduri għal *rimedju/i in konnessjoni mad-*drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba allegat ksur juri li l-kostituzzjoni tindika proċeduri mingħajr xinxilli jew formaliżmi żejda u dan biex l-atti proċedurali jibqgħu sempliċi u faċili biex jittieħdu. Min jallega li sofra għandu għalhekk proċeduri ħfief. Huwa għalhekk legalment assurd li targumenta kif fil-fatt ġie argomentat mid-difensuri ta' l-intimati, li dak illi jista' jsir taħt il-liġi ordinarja tal-pajjiż fi proċeduri komuni ma jistax isir ukoll u bl-istess mod fi proċeduri, aktar solenni veru f'dak li hu mertu, imma fejn ukoll rajna li l-leġislatur ma riedx itaqqal bla bżonn il-metodu ta' kif wieħed jippromwovi istanza. Huwa argument assurd il-għaliex na jistax ikollok sitwazzjoni fejn prokura tista' tingħata lil kull persuna għal kull att tal-ħajja ċivili però mhux ukoll biex wieħed ifittex id-drittijiet tiegħu sanċiti mill-ogħla liġi tal-pajjiż. Kull persuna għandha d-dritt li, fil-każijiet applikabbli, tqabbad, għalbiex tirrappreżentaha, persuna ta' fiduċja. Dan jagħmel ferm sens u l-liġi Ċivili ordinarja hekk ukoll tgħid. Ma jagħmilx sens iżda li tgħid li fil-każi bħal dak in diżami l-Qorti għandha l-obbligu li tissostitwixxi l-volontà tagħha għal dik tal-mandanti stess. L-artikolu ċċitat mill-intimati huwa biss intiżċ, bil-maqlub ta' dak li ġie minnhom sottomess, biex iżid il-protezzjoni ta' kull individwu li jrid/jew tird tagħmel proċeduri f'isimha jew bi prokura kif ukoll dawk li minħabba

f'xi diffikultà li jkunu jinsabu fiha u allura ma jkunux f'qagħda li jaġixxu, ikollhom ukoll tali possibilità billi xi ħaddieħor jippreżenta r-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif hemm stipulat. *Ergo* din l-alternattiva hija ntiża biex iżżid u twessa' l-mezzi ta' teħid ta' proċeduri u mhux tagħlaq u tirrestrinġi l-istess. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti *nomine* seta' jipproċedi bil-mod kif ipproċeda. Naturalment, li kieku huwa ppreżenta *ab initio* dokumenti li juru mill-ewwel u biċ-ċar kif huwa ġie istitwit mandatarju, kien jagħmel ix-xogħol eħfef għal kulħadd, il-Qorti ssir kompriża;

Fit-tieni parti tar-risposta tiegħu l-intimat Onorevoli Prim'Ministru ssottometta li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li għandhom, u għalhekk l-azzjoni odjerna hija ntempestiva u l-Qorti a tenur ta' l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħa fiha vestita. L-istess risposta saret ukoll mill-intimati konjugi Conti. L-intimati spjegaw li ma saret ebda Kawża ordinarja għal żgumbrament. Lanqas saru xi tentattivi fi sforz li jintlaħaq ftehim. Skond l-intimat Onorevoli Prim Ministru permezz tad-difensur tiegħu, każ singolu m'għandux jagħti lok għal talba biex il-liġi tiġi mħassra u dan il-għaliex kemm jista' jkun il-kontestazzjoni għandha tiġi limitata. Kwindi, l-odjerna azzjoni hija intempestiva, skond l-intimati;

Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent *nomine* ssottometta li l-uniku rimedju f'dan il-każ kien sewwa sew permezz ta' rikors kostituzzjonali. Mhux il-każ li tipproċedi b'kawża ta' żgumbrament meta għaddiet mill-Parlament liġi espressament intiża biex tneħħi d-dritt tar-rikorrenti *nomine*. Lanqas ma kien il-każ ta' tentattivi ta' ftehim għaliex jidher ċar l-intimati konjugi Conti jridu jkomplu joqogħdu b'kera fil-fond *de quo*, tant li

ddepożitaw il-kera dovut skond ma jirritjenu huma;

Kif dejjem irriteniet din il-Qorti l-akkoljiment o meno ta' l-artikolu ċċitat fid-diskrezzjoni tagħha. Il-Qorti la trid li jsiru kawżi Kostituzzjonali bla ħtieġa u lanqas tista' timpedixxi ċittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher "*prima facie*" li għandu każ serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Issa fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrenti *nomine* qiegħed jallega li huwa tilef id-dritt li kellu bħala proprjetarju in konsegwenza diretta tal-fatt li ġie mgħoddi mill-parlament l-Att numru 37 ta' l-1986, in forza ta' liema Att skond ir-rikorrenti *nomine* – il-liġi ġiet emendata b'mod li dan id-dritt fuq proprjetà ġie miċħud mingħand l-esponenti bi skur ta' l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bi ksur ta' l-Ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

Il-Qorti hija tal-fehma li in vista ta' l-iżvolġiment tal-fatti, l-uniku rimedju li kellu r-rikorrenti *nomine* kien proprju li jagħmel dina l-istanza u mhux il-każ li jipproċedi b'ċitazzjoni kontra t-"*tenant*" meta dan huwa protett b'liġi *ad hoc*. Sakemm dina l-liġi tibqa' *in vigore*, ir-rikorrenti *nomine* ma jistax jipproċedi għal żgumbrament. Jekk kien hemm vjolazzjoni, l-uniku rimedju għar-rikorrenti *nomine* huwa dak li jiġi reintegrat fid-drittijiet tiegħu;

Fir-rigward tal-mertu, ir-rikorrenti barra minn dak li huwa ssottometta fir-rikors promotur, issottometta wkoll illi jeżisti konflitt bejn il-liġi, kif teżisti llum in forza ta' l-Att numru 37 ta' l-1986 u l-Kostituzzjoni. Issottometta illi d-dritt *ex contractu*

favur l-intimati *konjugi Conti* skada fl-egħluq tal-perijodu enfitewtiku fit-30 ta' Awissu 1986. Kieku ma għaddietx tali liġi r-rikorrenti kien allura jkollhom it-totalità tal-proprjetà, bid-dritt ta' pussess, disponibiltà ecc. imma bil-liġi ġdida ma setgħux;

Illi r-rikorrent *noe* kellu kull dritt li jirriprendi l-fond *de quo* malli tispiċċa s-subenfitewsi. Ġew ċitati d-deċiżjonijiet *in re:* "**Caruana vs Cassar** App. Ċiv. Inferjuri ta' l-10 ta' Diċembru 1985 u dik tal-Prim'Awla Vassallo vs Barbara tat-28 ta' April 1986. Skond dawn id-deċiżjonijiet il-liġi kienet tkopri biss lil dawk il-postijiet mogħtijin b'enfitewsi u mhux ukoll b'sub-enfitewsi. L-Att surreferit ġie mgħoddi mill-Parlament fis-27 ta' Ottubru *1986*, u kwindi r-rikorrenti *noe* ssottometta li kien għadda wara li huwa kien akkwista d-dritt li jieħu f'idejh il-proprjetà tiegħu u l-liġi ġiet emendata b'mod li dan id-dritt fuq proprjetà ġie meħud lilu. *Skond ir-rikorrenti* dan kollu sar bi vjolazzjoni ta' l-art. 37 tal-Kostituzzjoni in kwantu d-dritt fuq *il*-proprjetà ġie meħud lir-rikorrenti *noe* bis-saħħa ta' liġi li ma tipprovdix għal ħlas ta' kumpens xieraq. Lanqas ma ġie żgurat b'din il-liġi d-dritt ta' aċċess għall-Qorti jew Tribunal li jiddeċidi d-drittijiet tiegħu u l-ammont ta' ħlas lilu dovut u lanqas ma tiżgura d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell minn tali deċiżjoni. Ġara allura li din il-liġi ħaditlu l-proprjetà bla ħlas;

Ir-rikorrenti *noe* ssottometta wkoll li din il-liġi tmur ukoll kontra l-Ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li bl-att 14 ta' l-*1987 illum tifforma* parti mil-liġi Maltija. *Dan* l-artikolu jgħid hekk: "*Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of*

*international law;*

*The proceeding provisions shall not, however, in any way impair the right of State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contribution or penalties'';*

Issa l-art. 10B(2)(1) ta' l-Ordinanza ta' Emerġenza XIX ta' l-1959, kif emendata bl-Att XXIII ta' l-1979 – ara subinċiż 9 jiddisponi *inter alia* x'għandu jiġri f'każi dwar kuntratti ta' enfitewsi temporanji u, inoltre, is-subartikolu (2) jikkontempla d-dritt ta' lokazzjoni f'ċerti każijiet ta' l-enfitewta f'każ ta' tmiem ta' enfitewsi temporanja. Issa fil-preċitata deċiżjoni **Mary Caruana vs Anthony Cassar** – deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1985 per Harding J. ġie rritenut illi: ''F'dawn id-disposizzjonijiet il-leġislatur juża biss il-kelma 'enfitewsi'. u ċertament 'enfitewsi' ma tfissirx u ma tinkludix subenfitewsi'';

Il-Qorti għalhekk ikkonkludiet li l-leġislatur fl-art. 10(b) kien qiegħed jikkontempla l-każijiet ta' tmiem ta' enfitewsi temporanja u mhux ta' subenfitewsi temporanja wkoll;

Il-Qorti kif illum presjeduta, mhix daqstant tal-fehma li l-leġislatur ried tassew jeskludi s-subenfitewsi – li għandha in realtà tkun kompriża fl-istitut ta' l-enfitewsi. Dak li wassal għall-malintiż, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet id-diċitura li tgħid (ara sub. art. 9 ta' l-istess art. 10B) illi, ''għall-finijiet ta' dan l-artikolu enfitewsi tfisser l-enfitewsi oriġinali''. B'riżultat ta' din id-diċitura fil-preċitata sentenza ġie rritenut li:

''Issegwi mela li l-leġislatur b'liġi espressa wara li ma riedx

li d-dritt ta' lokazzjoni mogħti fit-tmiem ta' l-enfitewsi lill-enfitewsi jiġi mogħti wkoll lis-subenfitewta.....";

Diġà ngħad li din il-Qorti mhix daqstant inklinata li tabbraċċja dan l-insenjament. Kemm dan ma kienx f'moħħ il-leġislatur insibuh espress fl-Att numru 37 ta' l-1986 mgħoddi mill-Kamra tar-Rappreżentanti fis-27 ta' Ottubru 1986. Taħt l-inċiż "Għanijiet u Raġunijiet" ta' l-imsemmi abbozz formanti parti allura mill-hekk imsejħa *travaux preparatoires* li xi minn daqqiet iservu ta' bażi għall-ġusta interpretazzjoni ta' att leġislativ insibu li ġej:

"L-għan ta' dan l-Abbozz huwa li jneħħi ċerti dubju li hemm għall-finijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, dwar jekk konċessjonijiet enfitewtiċi jinkludix konċessjonijiet sub enfitewtiċi";

B'danakollu għandu jiġi konċess lir-rikorrenti *nomine* li kellha f'kull każ tgħaddi liġi *ad hoc* u din il-liġi għalih kellha min-natura ta' liġi retroattiva in vista tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Tagħna. Ikun għalhekk opportun li ssir indaġini tal-veru mertu ta' dan ir-rikors jiġifieri jekk dana l-Att 37/1986 jivvjolax id-dritt fundamentali tar-rikorrenti *nomine* kif minnu nvokat;

Għandu jingħad illi d-dispożittiv tal-konvenzjoni Ewropeja huwa anqas elaborat u aktar limitat u magħluq minn dak li hemm imniżżel fl-art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar il-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens. L-element ta' kumpens ma jissemmiex fil-Konvenzjoni Ewropeja;

Però, għandu jingħad ukoll li f'ġurisprudenza reċensjuri

bħall-każ *in re: "Case of Lithgow and others"* deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Lulju 1986, l-element ta' kumpens ġie mistħarreġ ukoll u hekk intqal illi:

*"Clearly, compensation terms are material to the assessment whether a fair balance has been struck between the various interests at stake and, notably, whether or not a disproportionate burden has been imposed on the person who has been deprived of his possession". (p. 42 – D);*

Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti rriteniet ukoll, illi *(ibidem), "The court recalls that not only must a measure depriving a person of his property pursue, on the facts as well as in principle, 1 legitima aim 'in the public interest' but there must also be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. The latter requirement was expressed in other terms in the above mentioned* ***Sporrong and Lonnroth*** *judgment by the motion of the 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (Series A no. 52 p. 26 para. 69)";*

L-istess kunċett kien ġie diġà ribadit *in re: Case of* ***James and Others*** deċiż fil-21 ta' Frar 1986 *(page 24(iii)(a) ).* Taħt dan il-każ il-konvenzjoni Ewropeja tapplika anki meta l-approprjazzjoni ssir b'liġi favur individwu ieħor, u mhux favur l-Istat. Ma' dan l-aħħar insenjament din il-Qorti taqbel għaliex il-Leġislatur dejjem jista' jilleġisla b'mod li jpoġġi bniedem jew entità f'qagħda sfavorevoli *di fronte* ħaddieħor.. Jidher għalhekk li l-konvenzjoni, għalkemm ma tipprovdix għall-kumpens, dan id-dritt huwa insitu fil-protezzjoni tagħha u huwa wkóll

rikonoxxut. F'kull każ però, kif diġà ntqal, dan kollu huwa kkontemplat fil-kostituzzjoni tagħha;

Mill-banda l-oħra iżda wieħed irid jara jekk l-Att *de quo jammontax* jew *le għall-esproprjazzjoni* jew *teħid ta'* proprjetà b'mod forzat;

Di fatti, issottomettw l-intimati, kull ma għamel l-Att 37/1986 kien illi jikkjarifika liġi diġà *in vigore* sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibilità ta' miżinterpretazzjoni. Li sar kienet regolamentazzjoni fl-interess pubbliku u mhux esproprjazzjoni u għalhekk l-art. 37(1) tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ. Il-liġi kienet intiża sabiex tipproteġi nies li diġà kellhom ir-residenza ordinarja tagħhom fil-fond u lill-proprjetarju ma ttiħidlu xejn minn dak illi kellu qabel. Is-subenfitewsi, jgħidu l-intimati, ma tissemmiex fil-Kodiċi Ċivili tagħna. Tissemma' biss l-enfitewsi, u peress illi l-prinċipju għandu jkun illi *"il più comprende il meno"*, allura s-subenfitewsi kienet dejjem kompriża fil-liġi tal-*Housing* kif emendata fl-1979;

Niġu għalhekk fil-punt ta' jekk dak illi sar f'dana il-każ kif emendata kienx jammonta għal teħid ta' pussess b'mod obbligatorju jew jekk inkissibx xi "interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun" b'mod obbligatorju. Dwar it-teħid ta' pussess għandu mill-ewwel jingħad li f'termini ta' fatt il-pussess kien u baqa' għand l-intimati subċenswalisti konjugi Conti. F'termini legali imbagħad għandu jingħad li b'din il-liġi ma tteħidx id-dritt lir-rikorrenti *nomine* illi jiddisponi minn tali proprjetà anke billi, jekk irid, jaljenana jew jittrasferiha lil terzi. Dan hu kunċett importanti fil-konsiderazzjoni ta' jekk il-liġi *de quo* kinetx tammonta għal esproprjazzjoni. Għax fil-fatt il-Gvern ma akkwista xejn u ma ħa xejn ta' ħadd. Lanqas ma ttieħdet

dina l-proprjetà sabiex tingħata lill-intimati konjugi. Tassew lid-drittijiet li kien igawdi r-rikorrenti *nomine* ġew ristretti u mnaqqas però ma jistax ukoll jingħad li dawn ġew **meħuda** u allura **miksuba** minn xi ħaddieħor. L-intimati konjugi ma jistgħux jiddisponu mill-fond *de quo* bħallikieku dan huwa jew sar tagħhom. Huma jridu għax hekk obbligati, jħallsu s-subċens dovut, ossija l-ħlas ta' kera billi issa riedu jitqiesu bħala kerreja *(tenants);*

Fi kliem ieħor, dak illi l-Qorti tiddeċidi *in verità* huwa jekk dak illi sar b'konsegwenza tal-liġi imsemmija kienx ukoll jammonta jew jistax jitqies bħala esproprjazzjoni *de facto* u dana wkoll billi l-kelma "esproprjazzjoni" ma tissemma' mkien fil-liġi;

Fis-16 ta' Lulju 1976, il-Qorti Ewropeja (ara Dec. Adm. Com. Ap. *7059/75 DCR6 p. 131 (133 – 134)* iddeċidiet dwar talba ta' persuna illi allegat li, b'riżultat ta' ċertu disposizzjonijiet fil-liġi Taljana dwar kirjiet agrikoli, hija ġiet miżmuma milli tirċevi dħul ta' introjti adegwati mill-proprjetà mmobbiljari tagħha u li tali disposizzjonijiet kienu allura jammontaw għall-esproprjazzjoni *de facto* bi ksur ta' l-art. 1 ta' l-Ewwel protokol. Il-kummissjoni f'dan il-każ irriteniet illi:

"*it may be stated without equivocation that all events this* legislation complies with the conditions specified in the second sentence of that paragraph, namely that 'no one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law'':

Però aktar reċenti u aktar utili għall-każ in diżamina kien proprju l-każ ippreċitat *in re:* ***Case of Sporrong and Lonroth***

deċiż mill-Qorti Ewropeja fit-23 ta' Settembru 1988 (62 – 63 Publ. Court A, Vol. 52 pp. 24 – 25), fejn ġie ritenut qabel xejn li l-awtoritajiet Svediżi ma pproċedewx għalbiex jesproprjaw il-proprjetà tar-rikorrenti. B'hekk l-istess rikorrenti ma ġewx allura formalment *"deprived of their possessions at any time: they were entitled to use, sell, devise, donate or mortgage their properties"*. L-istess ħaġa *mutatis mutandis* tista' tingħad fil-każ tal-proprjetà f'dawn il-proċeduri quddiem dina l-Qorti. F'sunt dwar dan l-imsemmi każ fl-ilsien ingliż insibu hekk:

*"In the absence of a formal expropriation, that is to say a transfer of ownership, the Court considers that it must look behind the appearances and investigate the realities of the situation complained of (see mutatis mutandis the Van Broogenkroeck Judgment of the 24th June 1982, Series A, vol. 50, p. 20 para. 38). Since the Convention is intended to guaranteee rights that are 'practical and effective' (see the* ***Airey*** *Judgment of 9th October 1979, Series A, Vol. 32, p. 12, para. 24), it has to be ascertained whether that situation amounted to a de facto expropriation, as was argued by the applicants;*

*In the court's opinion, all the effects complained of (see para. 58 above) stemmed from the reduction of the possibility of disposing of the properites concerned. Those effects were occasioned by limitations imposed on the right of property, which right had become precarious, and from the consequences of those limitations on the value of the premises. However, although the right in question lost some of its substance, it did not dissappear. The effects of the measure involved are not such that they can be assimilated to a deprivation of possessions. The Court observes in this connection that the applicants could continue to utilize their possessions and that, although it became more difficult to*

*sell properties in Stockholm affected by expropriation permits and prohibitions on construction, the possibility of selling subsisted...";*

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dak illi ntqal u ġie deċiż f'dana l-każ. Għandu però jiġi wkoll rrilevat illi l-fakoltà mogħtija lill-utilisti ta' fond a tenur ta' l-Att 23 ta' l-1979 artikoli 10(B)(2)(a)(i) timplika u tobbliga l-ħlas ta' ammont ekwivalenti għaċ-ċens jew subċens (bil-liġi kif ikkjarifikata sussegwentement) illi kien jitħallas sat-30 ta' Awissu 1986 flimkien ma' l-għoli tal-ħajja mit-30 ta' Awissu 1969 (f'dan il-każ) ossija d-data tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali sad-data li għalaq il-perijodu kontrattwali. *Jirriżulta* (ara wkoll Dok. Os3 – a fol. 42 tal-proċess) illi l-intimati konjugi Conti pprevalew irwieħhom minn tali disposizzjoni u ddepożitaw l-ammont involut taħt l-awtorità ta' din il-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu żbankata mir-rikorrenti *nomine* wara li dan iħalli d-debita riċevuta;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Oliver Siracusa *noe* li bih talab ir-riforma is-*sentenza appellata tal-21 ta' Jannar 1989 billi* tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari fi kollha ta' l-intimati u tirrevokaha nkwantu ċaħdet id-domandi ta' l-esponent *nomine* billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati u tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-intimati appellanti;

Rat ir-*risposta ta' l-Appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru;*

Rat l-atti kollha rrilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li fil-konfront tiegħu ġiet injorata d-disposizzjoni ċara ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa jissottometti li differentement minn dak li kien ipprovdut fil-konvenzjoni Ewropeja, il-Kostituzzjoni ta' Malta riedet tenfasizza li hija tipproteġi mhix biss kontra kull teħid ta' proprjetà, iżda wkoll kull teħid obbligatorju ta' kull interess fi proprjetà jew dritt fuq proprejtà. Huwa jsostni wkoll li sakemm għaddiet l-emenda enunċjata huwa kellu dritt jieħu lura l-pussess tal-proprjetà tiegħu u jiddisponi minn dan il-pussess. In fatti huwa kellu d-dritt li jbiegħ il-proprjetà tiegħu bi prezz reali, jwaqqagħha, jiżviluppaha u fi ftit kliem jeżerċita fuqha kwalunkwe dritt ta' proprjetarju assolut;

L-appellant qiegħed jissottometti wkoll li bl-emenda ta' l-1986 *"de quo"* huwa ġie li tilef dawn id-drittijiet u interessi kollha li kellu minn dak in-nhar fuq il-proprjetà tiegħu. Huwa jsostni li huwa logħob tal-kliem u finzjoni li wieħed jgħid li l-emenda *"de quo"* kienet biss "irregolat" l-użu tal-proprjetà u mhux ħadet xi dritt tiegħu fuq proprjetà. In fatti bl-istess emenda l-użu tad-dritt tiegħu fuq ħwejġu tnaqqas b'mod sostanzjali. Minħabba f'hekk dan ma jistax jissejjaħ "regolamentazzjoni", iżda teħid ta' dritt. Meta regolamentazzjoni tkun radikali, din fir-realtà ma tkun xejn aktar ħlief esproprjazzjoni li allura għandha ssir skond l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kienu wirtu l-fond in kwistjoni mingħand iz-zija tagħhom, oħt missierhom, li tiġi Maria Stella Zammit. Din Maria Stella Zammit oriġinarjament kienet ikkonċediet l-istess fond lil Joseph Cassar b'subċens għall-perijodu ta' 17-il sena

minn dak in-nhar tal-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. George Cassar tat-30 ta' Awissu 1969. Sussegwentement l-istess Joseph Cassar kien ċeda s-subutili dominju temporanju għaż-żmien li kien fadallu fuq il-fond *"de quo"* lil Joseph u Rita Conti permezz ta' kuntratt ieħor għand l-istess Nutar tal-25 ta' April 1979. Il-perijodu oriġinali ta' 17-il sena li għalih kien ġie qabel konċess lil Cassar skada fit-30 ta' Awissu 1986, u dan qabel ma kien ġie ppromulgat l-Att Numru XXXVII ta' l-1986 li beda jseħħ fis-27 ta' Ottubru 1986. Issa bejn id-data ta' l-Iskadenza tal-konċessjoni u dik ta' meta ħareġ l-Att 37 ta' l-1986 laħaq għadda perijodu ta' kważi xahrejn;

L-Appellant qiegħed isostni li skond il-*Housing (Decontrol) Ordinance 1959* malli tispiċċa s-subenfitewsi korrenti huwa kellu d-dritt li jieħu lura l-proprjetà tiegħu lura f'idejh mingħand min kienet dak il-ħin, f'dan il-każ il-konjugi Conti. *Una volta* li huwa kellu dan id-dritt fit-30 ta' Awissu 1986, huwa kien fil-posizzjoni li jista' jagħmel li jrid bil-fond *"de quo"*. In fatti huwa seta' jwaqqgħu, jiżviluppah xort'oħra jew jittrasferih lil terzi. Fi ftit kliem huwa seta' jiddisponi minnu bil-manjera l-aktar ampja li l-liġi tagħna tagħtih bħala proprjetarju assolut. Ġara però li bis-saħħa ta' l-Att Nru. 37 ta' l-1986 mgħoddi xi xahrejn wara dan, il-liġi ġie emendata b'ċertu mod li dan id-dritt fuq il-proprjetà tiegħu ġie meħud mingħandu;

L-appellant jissottmetti li l-Att *"de quo"* ma jipprovdi għal ebda kumpens xieraq għat-teħid tad-dritt ta' proprjetà fuq imsemmi u lanqas għal dritt ta' aċċess għall-Qorti jew Tribunal biex jiddeċidi dwar id-dritt tiegħu fuq l-ammont ta' kumpens kif ukoll lanqas għall-appell lill-Qorti ta' l-Appell minn tali deċiżjoni. Minħabba f'hekk huwa jikkontendi li l-istess Att sar bi ksur tad-dritt tiegħu fundamentali protett mill-artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem. Min-naħa tagħhom, l-intimati, apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fil-mertu qegħdin isostnu li bl-Att 37 ta' l-1986 ma ġiet effettwata ebda esproprijazzjoni ta' drittijiet fuq proprjetà appartenenti lill-appellanti. In fattii huma jirritjenu li l-Att in kwistjoni jammonta biss għal kjarifika ulterjuri, jekk kien hemm bżonn, ta' l-istitut ta' l-enfitewsi kif affettwat bil-liġi tad-dekontroll;

F'dan l-istadju jeħtieġ jiġi rrilevat li fl-1979 ġie ppromulgat l-Att XXIII biex jemenda l-Ordinanza ta' l-1959 li tneħħi l-Kontroll tad-Djar. L-artikolu 10B ta' l-istess Att jiddisponi li minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Ċivili jew f'xi liġi oħra, id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' l-istess artikolu għandu jkollhom effett dwar il-kuntratti kollha ta' enfitewsi temporanja li jkunu saru fi kwalunkwe żmien. Skond dan meta dar ta' l-abitazzjoni tingħata b'enfitewsi temporanja u l-perijodu jkun kif imsemmi fis-sub paragrafu (a) u (b) u fit-tmiem ta' l-enfitewsi, l-enfitewta jkun ċittadin Malti u d-dar in kwistjoni tkun qiegħda tiġi użata minnu bħala r-residenza ordinarja tiegħu, huwa jkollu jedd li jibqa' jokkupa d-dar b'kera mingħand il-padrun dirett;

Fiż-żewġ sentenzi ċċitati mill-appellant fir-rikors Promotorju "Caruana *vs* Cassar" App. Ċiv. deċiż. fl-10-12-85) u "Vassallo *vs* Barbara" (PA deċiża fit-28-4-86) il-Qorti kienet iddeċidiet li malli tispiċċa s-subenfitewsi korrenti s-sid kellu d-dritt jieħu lura l-fond;

Skond dawn id-deċiżjonijiet jidher li l-Qrati kienu nterpretaw il-liġi fis-sens li kienet tkopri biss dawk il-postijiet mogħtija b'enfitewsi u mhux ukoll dawk mogħtija b'sub

enfitewsi. L-appellant qiegħed għalhekk isostni li l-posizzjoni tiegħu eżistenti meta skada l-perijodu ta' l-enfitewsi oriġinali nbidlet bil-ħruġ ta' l-Att 37 ta' l-1986. In fatti skond l-artikolu 2 ta' dan l-Att, fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali taħt il-kelma "kirja" minflok il-kliem "Konċessjoni enfitewtika" għandhom jidħlu l-kliem "Konċessjoni enfitewtika jew sub enfitewtika";

Issa l-għanijiet u raġunijiet ta' l-Abbozz numru 11 datat 14 ta' Ottubru 1986 li eventwalment ġie ppromulgat fl-att *"de quo"* jingħad li l-għan tiegħu kien li jneħħi ċerti dubji li hemm għall-finijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1959 li tneħħi l-kontroll tad-Djar dwar jekk Konċessjonijiet enfitewtiċi kellhomx jinkludu wkoll konċessjonijiet sub-enfitewtiċi. Jidher ukoll li dan l-Att ħareġ proprju biex jiċċara l-posizzjoni dwar dan b'mod retroattiv in vista tad-deċiżjonijiet fuq dan il-mertu mogħtija mill-Qrati tagħna;

Dan premess din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuq il-punti nvoluti f'dan l-Appell waslet għall-konklużjoni li t-teżi ta' l-appellant m'hiex fondata fil-liġi u li kollox ikkonsidrat it-teżi ta' l-appellant hija korretta legalment;

In fatti jidher li l-appellant qiegħed jistrieħ fuq iż-żewġ sentenzi minnu ċċitati bħala fonti li minnu twieled id-dritt tiegħu. Kontra din it-teżi però hemm żewġ konsiderazzjonijiet ta' importanza fundamentali in materja ta' dritt. L-ewwel konsiderazzjoni hi, li l-appellant ma kienx parti f'dawk il-kawżi u għalhekk ma jistax jivvanta xi dritt kweżit kemm minħabba l-fatt li f'Malta ma teżistix ir-regola tal-preċident, kif ukoll li dawk is-sentenzi fil-konfront tiegħu huma *"res inter alios acta"*. It-tieni konsiderazzjoni hija li l-leġislatur bl-Att ta' l-1986 kif kellu dritt jagħmel spjega u kkjarifika li l-posizzjoni legali li kellha

tirregola każijiet ta' sub-enfitewsi kienet identika għall-każijiet ta' enfitewsi kif stabbilita bl-att XXIII/79 u mhux kif kien intqal fis-sentenzi ċċitati. S'intendi kieku l-appellant kien intenta kawża u ottjena sentenza favorih kif ġara fiż-żewġ kawżi ċċitati kien ikollu dritt kweżit, però dan ma sarx u għalhekk illum l-argumenti tiegħu ma jsegwux. Fl-aħħarnett fil-każ odjern hemm involut ukoll is-sub-enfitewta li wkoll ma kienx parti fil-kawżi ċċitati u kif jistabilixxi l-artikolu 237 tal-Kap. 12, sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu ma jkun parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza;

Issa l-Qorti waslet għall-konklużjoni li, kuntrarjament għal dak li qegħed jippretendi l-appellant, bil-ħruġ ta' l-Att Nru. 37 ta' l-1986 ma ġie meħud lilu ebda dritt fuq proprjetà, jkun inutili li toqgħod tidħol biex teżmina d-dispost ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dak ta' l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-Appell ta' Oliver Siracusa *nomine* u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim' Awla, fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Jannar 1988;

L-ispejjeż ta' dan l-Appell għandhom jibqgħu bla taxxa stante n-novità tal-każ.